**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 10 ta' Novembru, 2021**

**Avviz Numru: 170/20 MLF**

**Joseph Amaira u**
**Ruth Amaira**

**vs**

**Franklin Xerri**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tal-attur sabiex il-konvenut jigi ikkundannat ihallsu l-ammont ta' tnax-il elf u hames mitt euro (€12,500), rapprezentanti self moghti lilu permezz ta' skrittura privata ffirmata minnu fis-6 ta' frar 2019, liema ammont jirraprezenta bilanc ossia parti minn ammont akbar li gie misluf lilu.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru mahrug kontestwalment mar-rikors promotur u ta l-ittra ufficjali 166A bin-numru 65/2020 kif ukoll bl-oghla rata ta' imghax permessibbli bil-ligi mid-data tal-imsemmija Ittra Ufficjali sad-data tal-pagament effettiv.

Rat li l-konvenut debitament notifikat naqas li jipprezenta risposta

Rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati.

Rat li fl-istess seduta tal-10 ta' Novembru 2021, fuq mistoqsija tal-Qorti, il-konvenut iddikjara li hu jaf li ghandu jaghti lill-attur is-somma ta' tnax-il elf u hames mitt euro (€12,500).

In vista ta' din l-ammissjoni l-Qorti se tilqa t-talba tal-attur biex tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' tnax-il elf u hames mitt euro (€12,500).

Fir-rikors promotur l-attur talab li l-imghax jibda jiddekorri mid-data tal-ittra ufficjali, pero ai termini tal-Ligi, l-imghax ghandu jiddekorri mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tilqa limitatament it-talba tal-attur u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' tnax-il elf u hames mitt euro (€12,500) bl-imghax skond il-ligi mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali 166A bin-numru 65/2020.

L-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru mahrug kontestwalment mar-rikors promotur u ta' l-ittra ufficjali 166A bin-numru 65/2020 ghandhom jigu subiti mill-konvenut.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**